## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1/2022**

## NICHOLAI ATTARD (KI 187982M)

**VS**

## MATTHEW ATTARD (KI 415476M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' debitu dovut mill-intimat Matthew Attard lil ħuh ir-rikorrent Nicholai Attard, magħmula permezz ta' rikors ta' Nicholai Attard preżentat fl-erbgħa (4) ta' Jannar 2022;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-erbgħa (4) ta' Jannar 2022, Nicholai Attard ippremetta:

a. Illi l-partijiet huma aħwa;

b. Illi l-intimat, kif kellu jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kellu diffikultajiet finanzjarji minħabba diversi raġunijiet fosthom vizzju tal-logħob tal-azzard;

c. Illi r-rikorrent sellef lill-intimat somom inġenti ta' flus;

d. Illi in oltre, l-intimat approprja għalih diversi flejjes a detriment u a preġudizzju tar-rikorrent;

e. Illi l-intimat irrikonoxxa dan anke permezz ta' skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet u tranżunta quddiem Nutar Pubbliku;

f. Illi sal-lum l-intimat għadu ma radd lura xejn lir-rikorrent minn dak li sellfu u dak li mmiżapproprja;

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent;

ii. Tillikwida s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrent u dan okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

iii. Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma hekk likwidata skont it-tieni talba;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribbli skont il-Liġi kontra l-intimat;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, l-ewwel (1) ta' Marzu 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimat, illi ngħata għoxrin (20) jum biex jirrispondi skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Il-konvenut ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2022, illi għaliha kien preżenti, u ngħata terminu ta' għoxrin (20) jum mill-istess seduta sabiex jippreżenta risposta ġuramentata għar-rikors promotur;

6. Din il-Qorti nnotat waqt is-seduta tal-ħamsa (5) t'April 2022 illi l-konvenut kien naqas milli jippreżenta risposta ġuramentata fit-terminu lilu prefiss.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Nicholai Attard datat erbgħa (4) ta' Jannar 2022, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet *Nicholai Attard vs Matthew Attard* (**Dok A** a fol 5 *et seq* tal-proċess); u (b) skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet (**Dok B** a fol 8 u 9 tal-proċess);

8. Reġgħet rat illi l-konvenut Matthew Attard ġie personalment notifikat bir-rikors ġuramentat waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2022, u ġie konċess lilu terminu ta' għoxrin (20) jum minn dakinhar stess sabiex jippreżenta risposta[1];

9. Rat illi l-konvenut, minkejja illi ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat, naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu lilu konċess[2];

10. Rat l-affidavit ta' **Nicholai Attard** kif ġuramentat minnu quddiem din il-Qorti stess waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, a fol 22 *et seq* tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda, waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, ta' **Joanne Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc** prodotta

[1] Vide verbal tas-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2022, a fol 15 tal-proċess
[2] Vide verbal tas-seduta tal-ħamsa (5) t'April 2022, a fol 16 tal-proċess

mir-rikorrent, u rat id-dokumenti minnha esebita, cioe ħames *statements* immarkati **Dok JB1** sa **Dok JB5** (a fol 29 *et seq* tal-proċess);

12. Rat in-nota ta' **Nicholai Attard** datata tlieta (3) ta' Ġunju 2022 a fol 366 tal-proċess, illi permezz tagħha ppreżenta in atti:

    a. Estratti minn *statements* tal-kont ta' Revolut tal-attur illi juru ħlasijiet magħmula lil Matthew Attard, kif ukoll attentati ta' żbank ta' flus mill-ATM ta' Portomaso, liema attentati ġew magħmula minn Matthew Attard (**Dok NA2** a fol 367 *et seq* tal-proċess);

    b. Transazzjonijiet li juru ħlas mill-attur tramite MoneyGram lil Matthew Attard (**Dok NA3** a fol 400 *et seq* tal-proċess);

    c. Transazzjonijiet li juru ħlas mill-attur tramite PayPal lil Carmen Attard, omm il-partijiet (**Dok NA4** a fol 404 tal-proċess);

    d. Transazzjonijiet li juru ħlas mill-attur tramite Western Union lil Matthew Attard (**Dok NA5** a fol 405 u 406 tal-proċess);

    e. Ħlasijiet magħmula mill-attur tramite Wise (ġja Transfer Wise) lil Matthew Attard (**Dok NA6** a fol 407 *et seq* tal-proċess);

13. Rat illi, waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2022, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'iressaq;

14. Rat illi, waqt l-istess seduta, din il-Qorti kkonċediet lill-konvenut xahar żmien minn dakinhar stess sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub[3];

15. Rat illi l-konvenut baqa' m'għamel l-ebda sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, minkejja t-terminu illi ġie lilu konċess;

16. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

[3] Vide verbal tas-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2022, a fol 423 tal-proċess

17. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

18. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenut fil-kawża odjerna;

19. Jirriżulta mill-atti illi r-rikors ġuramentat ġie notifikat lill-konvenut *seduta stante* nhar is-sbatax (17) ta' Marzu 2022[4];

20. Minkejja illi l-konvenut kien jaf bil-pretensjoni tar-rikorrent fil-konfront tiegħu, huwa naqas milli jintavola risposta għat-talbiet tar-rikorrent[5], u, filwaqt illi attenda għas-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2022, sussegwentement naqas milli jattendi, jew milli, mill-inqas, jinkariga u/jew jibgħat rappreżentant legali sabiex jirrappreżentah fil-proċeduri odjerni[6];

21. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*
>
> *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba*

[4] Vide verbal a fol 15 tal-proċess
[5] Vide verbal tas-seduta tal-5 t'April 2022 a fol 16 tal-proċess
[6] Vide verbali tas-seduti illi nżammu f'din il-kawża, a fol 16, 19, u 423 tal-proċess

*li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

22. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja;

23. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenut kellu l-possibilta' illi jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqas milli jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tiegħu tar-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[7], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[8], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

[7] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[8] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

(4) *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

(5) *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

(6) *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

(7) *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

(8) *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

24. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja* <u>*jidher*</u> *personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata.* <u>*Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja*</u>*. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu*

*požittiv – hija invece meħtieġa bħala <u>parti</u> mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies <u>bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat</u> fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

25. Fil-każ odjern, il-konvenut kien ben konxju tal-fatt illi r-rikorrent kellu pretensjoni fil-konfront tiegħu, għaliex ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenut kellu raġuni valida illi għaliha ddeċieda illi ma jdaħħalx risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kellu mill-inqas jara illi jidher hu stess jew ikun rappreżentat waqt is-seduti sabiex jitlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih seta' jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu, il-konvenut naqas milli jagħmel dan, u għażel minflok illi jibqa' sieket. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenut ġab prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

26. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[9], fejn ġie senjalat illi:

---

[9] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* ***Kollez. Vol. XXIX P III p 35****;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenut qiegħed jitqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tar-rikorrent humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut naqas milli jirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

B. *<u>Il-Mertu tal-Kawża Odjerna</u>*

27. Il-kawża odjerna tirrigwarda debitu dovut mill-konvenut lir-rikorrent. Ir-rikorrent jispjega fl-affidavit tiegħu[10] il-fatti illi wasslu għad-dejn illi ġemma l-konvenut fil-konfront tar-rikorrent, u cioe kif ir-rikorrent kien jgħaddi l-flus lill-konvenut, dak illi wassal lir-rikorrent sabiex jibda jissuspetta illi l-konvenut kien qiegħed jimmisapproprja flus illi fuqhom ir-rikorrent kellu dritt, u d-dinamika tal-pagamenti mgħoddija mir-rikorrent lill-konvenut;

28. Madanakollu, wara illi eżaminat il-provi dokumentarji in atti, din il-Qorti tqis illi l-aktar prova importanti prodotta mir-rikorrent hija d-dikjarazzjoni ffirmata minnu stess u mill-konvenut, illi fiha l-konvenut iddikjara illi *"huwa debitur ċerti, likwidu u dovut tal-Ewwel Parti fis-somma ta' tlett mija u erbgħa u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro (€354,594), li parti minnhom ġew mislufa mill-Ewwel Parti lit-Tieni Parti u l-parti l-oħra ġiet*

[10] Vide dokument a fol 22 *et seq* tal-proċess

*misappropriijata għad-detriment tal-Ewwel Parti"*, fejn l-Ewwel Parti kien ir-rikorrent, u t-Tieni Parti kien l-intimat[11];

29. Il-Qorti tinnota illi in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt illi r-rikorrent kien qiegħed iressaq pretensjoni fil-konfront tiegħu peress illi kien ġie notifikat bir-rikors ġuramentat, u kien saħansitra wkoll konxju tal-fatt illi l-pretensjoni illi kien qiegħed javvanta r-rikorrenti fil-konfront tiegħu kienet ibbażata fuq id-dikjarazzjoni tiegħu stess annessa mal-istess rikors illi huwa ġie notifikat bih, iżda minkejja dan, xorta waħda naqas milli jikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tista' tkun biss waħda, u cioe illi l-konvenut qiegħed jirrikonoxxi illi huwa għandu dejn fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont indikat fl-istess dikjarazzjoni suriferita;

30. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet jew provi kontrastanti da parti tal-konvenut, din il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent mhux talli ġew sodisfaċentement pruvati, iżda talli ġie pruvat ukoll illi l-konvenut stess qiegħed jirrikonoxxi l-fatt illi għandu dejn fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' **tliet mija u erbgħa u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro (€354,594)**[12]. Konsegwentement, **din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tal-attur in kwantu tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' €354,594, u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lir-rikorrent l-istess somma**;

31. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom*

[11] Vide **Dok B** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 8 tal-proċess

[12] Vide dikjarazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat u mmarkata bħala **Dok B** a fol 8 tal-proċess

*igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

32. Il-każ odjern si tratta dwar rifużjoni ta' flus illi ġew mislufa mir-rikorrent lill-konvenut, u flus illi ġew misapproprjati mill-konvenut għad-detriment tar-rikorrent. Għaldaqstant id-dejn in kwestjoni jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (2) suċitat. Peress illi ma jidhirx illi ġew intavolati xi ittri uffiċjali qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna, din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax legali għandu jibda jiddekorri mid-data tar-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu ġiet intavolata l-kawża odjerna, u cioe mill-erbgħa (4) ta' Jannar 2022, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tiddikjara illi l-konvenut Matthew Attard huwa debitur tar-rikorrent;

(ii) **Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrent u tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut lir-rikorrent fl-ammont ta' **tliet mija u erbgħa u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro (€354,594)**, fuq liema somma għandu jiddekorri imgħax fit-termini tal-liġi mill-erbgħa (4) ta' Jannar 2022 sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) **Tilqa' t-tielet talba** tar-rikorrent u tordna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1862/2021 fl-ismijiet *Nicholai Attard vs Matthew Attard*.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**